MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Talba Numru. 535/2008

Falcon Tours Limited (C4425).

Vs

Alison Schembri (Id. 233580M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob li dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallasha s-somma ta’ tlett elef, erba’ mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494,06), rapprezentanti hlas dovut mill-konvenuta wara li hi telqet intempestivament minn xogholha mas-socjeta’ attrici, waqt perjodu ta’ impieg ghal zmien definit, u dana minghajr raguni valida skond il-ligi. Illi minkejja li giet interpellata sabiex thallas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data tat-

terminazzjoni ta' l-impieg sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet (i) illi l-azzjoni hija kolpita bil-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili; (ii) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li l-konvenuta ma hija dovuta taghti ebda somma lis-socjeta' attrici; (iii) illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici ghandha tipprova l-allegazzjonijiet minnha promossi skond il-ligi; (iv) salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Ra r-rikors tal-konvenuta tal-21 ta' Ottubru 2008.

Ra d-Digriet tieghu tal-21 ta' Ottubru 2008.

Ra r-risposta tas-socjeta' attrici tad-29 ta' Ottubru 2008.

Ra d-Digriet tieghu tas-17 ta' Dicembru 2008.

Sema' x-xhieda ta' Dr. George Depasquale prodott mis-socjeta' attrici.

Ra r-rikors tal-konvenuta tal-31 ta' Lulju 2009.

Ra d-Digriet tieghu tal-4 ta' Settembru 2009.

Ra r-risposta tas-socjeta' attrici tat-18 ta' Settembru 2009.

Ra r-replika tal-konvenuta tat-22 ta' Settembru 2009.

Ra d-Digriet tieghu tal-14 ta' Ottubru 2009.

Ra r-rikors tal-konvenuta tas-16 ta' Ottubru 2009.

Ra d-Digriet tieghu tal-21 ta' Ottubru 2009.

Sema' x-xhieda ta' Francis Stivala prodott mill-konvenuta.

Ra l-affidavit tal-konvenuta Alison Schembri.

Ra l-affidavit ta' Michael Done prodott mill-konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha li gewipprezentati.

Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Fl-ewwel lok, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u cioe, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Illi dan l-artikolu jiddisponi hekk kif gej:-

'*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:*

*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.*'

Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li l-konvenuta kienet hadmet mas-socjeta' attrici sad-data tal-11 ta' Lulju tas-sena 2003 (kif fil-fatt gie dikjarat mill-konvenuta stess fl-ittra taghha Dok. FT2), u li kienet thallset minghand is-socjeta' attrici sa dakinhar. Illi ghalhekk t-terminu ta' l-azzjoni ghall-hlas tal-kreditu mitlub mis-socjeta' attrici jiskatta mill-11 ta' Lulju tas-sena 2003, u minn l-ebda data ohra precedenti. Jirrizulta wkoll li l-kawza odjerna giet intavolata fit-8 ta' Lulju 2008 u cioe entro t-terminu ta' hames snin kif stipulat fl-Artikolu tal-ligi fuq imsemmi. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenuta ma treggix u ghandha tigi michuda.

Illi fil-mertu fil-qosor, is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas lura minghand il-konvenuta tas-somma ta' tlett elef, erba' mija

u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494,06), rapprezentanti hlas dovut mill-konvenuta wara li hi telqet intempestivament minn xogholha mas-socjeta’ attrici waqt perjodu ta’ impieg ghal zmien definit. Skond l-istess socjeta’ attrici, l-konvenuta ma kellha l-ebda raguni valida skond il-ligi sabiex titlaq mill-impieg taghha.

Illi l-azzjoni tas-socjeta’ attrici hija msejsa fuq l-Artikolu 36(12) ta’ l-Att Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta), li tiddisponi hekk kif gej:-

36 (2) *‘Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-principal tieghu qabel iz-zmien specifikat fil-kuntratt ta’ servizz ghandu jhallas lill-principal tieghu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa’ fis-servizz ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem’*.

L-artikolu 36 (14) mbaghad jinqara testwalment hekk:-

*‘Minkejja d-dispozizzjonijiet ta’ hawn qabel ta’ dan l-artikolu, principal jista’ jibghat impjegat u l-impjegat jista’ jitlaq is-servizz tal-principal, minghajr ma jaghti avviz u minghajr ebda obbligu li jaghmel hlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12) jekk ikun hemm raguni tajba u bizzejjed biex dak l-impjegat jintbaghat jew jitlaq mis-servizz*’.

L-istess Artikolu jkompli billi jelenka lista ta’ ragunijiet li l-principal ma jistax jaghmel uzu minnhom sabiex itemm is-servizz ta’ impjegat – haga ghal kollox irrilevanti fil-kaz in ezami ghaliex hawn si tratta ta’ impjegata li titlaq mill-impieg, u mhux principal li jibghat impjegat.

Illi minn-naha taghha, l-konvenuta qed taghmel uzu mid-difiza li hija kellha raguni valida fil-ligi sabiex titlaq mill-impieg taghha u li ghalhekk ma ghandha taghti xejn lis-socjeta’ attrici.

Illi minn ezami tal-provi kollha prodotti, t-Tribunal wasal ghas-segwenti konkluzzjonijiet u cioe li fl-ewwel lok, il-

prova kardinali f'din il-kawza, hija prorju l-ittra miktuba u mibghuta mill-konvenuta lis-socjeta' attrici, datata 30 ta' Gunju 2003, fejn il-konvenuta stess avzat lis-socjeta' attrici li hija kienet qed tirrizenja mill-impieg taghha. Fl-istess ittra l-konvenuta testwalment tghid hekk:-

'The purpose of this letter is to formally inform you that **I have accepted a new position with another company**. My last day of employment with NSTS will be 11th July 2003. My decision to leave NSTS has been **thoroughly thought out and reflects my career goals.**'

Huwa car daqs il-kristall, li '*a tempo vergine'* meta l-konvenuta ghazlet li tintemm l-impieg taghha mas-socjeta' attrici, hija ma kienet qed tilmenta minn l-ebda problema li kellha fuq il-post tax-xoghol, liema problema kienet gieghelitha tiehu d-decizjoni li titlaq minn hemm. Anzi ghall-kuntrarju, d-decizjoni taghha kienet ittiehdet unikament a bazi ta' pjanijiet li kellha ghall-karriera taghha, u l-fatt li ovvjament kienet sabet impieg iehor li kien izjed vantaggjuz ghaliha.

It-Tribunal jidhirlu li l-kontenut ta' din l-ittra bl-ebda mod ma jista' jigi skartat jew injorat, u li ghandu jirrifletti precizament ir-raguni ghalfejn il-konvenuta telqet mill-post tax-xoghol. Oltre dan, ma hemm assolutament xejn dokumentat li juri li l-kovnenuta kienet formalment ilmentat dwar xi problemi li kellha fuq il-post tax-xoghol. La hemm rapporti u lanqas hemm xi ilmenti formali mas-superjuri taghha. Li kieku l-konvenuta verament telqet minhabba dawn il-problemi wiehed zgur li kien jistenna li jkun hemm accenn ghal dawn il-problemi almenu fl-ittra tar-rizenja, jekk mhux f'xi ittri jew dokumenti ohrajn.

Illi milli jidher sar accenn ghal xi kwistjonijiet li kellha l-konvenuta ma kollega ohra taghha, izda meta dawn gew indagati minn Dr. George Depasquale ma rrizulta l-ebda ilment formali. La kien hemm rapport u lanqas xi ittra, u l-membri tal-Bord ma kienu jafu b'xejn dwar dawn l-allegati lmenti.

Ta’ min isemmi li alavolja Dr. George Depasquale kien informa lill-konvenuta li kien bi hsiebu jindaga ftit waqt il-laqgha tal-bord dwar din l-allegazzjoni taghha, il-konvenuta ma kellhiex pacenzja tistenna sa dakinhar ghaliex xorta wahda pprezentat l-ittra ta’ rizenja taghha qabel id-data tal-laqgha u sahansitra telqet mix-xoghol. Kien ovvjament fl-interess taghha li tibqa tahdem sakemm almenu jkun hemm konkluzzjoni definittiva dwar il-pozizzjoni taghha. Dan ikompli jwassal lit-Tribunal sabiex jikkonkludi li dawn l-allegati lmenti ma kienux ir-raguni ghalfejn il-konvenuta telqet mill-impieg taghha, izda huma biss skuza fjakka sabiex tevita l-penali, li del resto kienet konxja li setghet tehel. Di piu, jekk il-konvenuta kienet kellmet lill-Dr. Depasquale qabel ma baghtet l-ittra ta’ rizenja, x’kienet ir-raguni li ma ssemmi assolutament xejn dwar dawn l-ilmenti fl-istess l-ittra, u anzi taghti ragunijiet kompletatment differenti ghalfejn kienet ser titlaq mill-impieg.

Illi x-xhud Francis Stivala li jokkupa l-kariga ta’ Managing Director mas-socjeta’ attrici, cahad ghal kollox li l-konvenuta telqet minhabba xi problema li kellha fuq il-post tax-xoghol. Huwa xehed li ma kien jaf bl-ebda problema f’dan is-sens, u li la l-konvenuta u lanqas xi hadd iehor qatt ma avvicinah minhabba xi problema simili. Skond hu, l-konvenuta telqet mill-impieg taghha purament minhabba li kienet sabet xoghol iehor u ghal ebda raguni ohra. Huwa xehed li kien gie a konoxxenza tal-ilmenti taghha biss wara li l-konvenuta rrizenjat mill-impieg permezz ta’ l-ittra taghha, u biss minhabba li kien kellmu Dr. Depasquale, wara li dan ta’ l-ahhar kien gie avvicinat mill-konvenuta.

Illi oltre dan, it-Tribunal jidhirlu li r-ragunijiet moghtija mill-konvenuta, u spjegati fl-affidavit taghha, dwar l-allegati problemi li hija kellha mal-kollega taghha, huma ghal kollox fjakki u m’ghandhomx iwasslu ghad-decizjoni drastika li wiehed jitlaq mill-impieg tieghu - almenu zgur mhux qabel ma jipprova jsolvi l-problema billi jiehu l-passi mehtiega. L-istess jinghad ghal dak li gie spjegat fl-affidavit ta’ Michael Done, u cioe, li l-ilmenti tal-konvenuta ma jidhrux li kienu serji u li ghandhom iwasslu ghal raguni

valida fil-ligi sabiex wiehed itemm l-impieg tieghu u jevita li jhallas il-penali dovuti skond il-ligi.

Fl-ahharnett hemm versjonijiet konfliggenti ghall-ahhar bejn ix-xhieda ta’ Francis Stivala u dik tal-konvenuta, ghaliex filwaqt li wiehed jghid li qatt ma tkellem mal-konvenuta dwar din il-problema, l-konvenuta tghid li sahansitra kienet ghamlet laqa mieghu u kellmitu dwar il-problema. Dawn il-versjonijiet konfliggenti jkomplu jsahhu t-tezi ta’ dan it-Tribunal li fic-cirkostanzi partikolari ta’ din il-kawza, l-prova regina hija proprju l-ittra tar-rizenja tal-konvenuta, u r-raguni li giet moghtija fl-istess ittra.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijet tal-konvenuta, u jilqa t-talba tas-socjeta’ attrici, u b’hekk jikkundanna l-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, erba’ mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494,06), flimkien ma l-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------